IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 56-2018(12_09_18)**

**12 ta' Settembru 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

56.1.1 Is-Sur Paul Curmi bagħat *sms* u informa lill-Kunsill li kien inqabad fuq xogħol u ma jistax jattendi.
Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

**56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

56.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 55-2018(09_08_18) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

56.3.1 Fir-rapport tagħha, is-Sindku tat rendikont tal-attivitajiet li saru fix-Xlendi. Sar *Karaoke Night* u anke kien hemm *water games* inkluż *paddle boat u canoes rides* bla ħlas. Dawn saru fuq jumejn sħaħ. Barra dawn, saret ukoll *Power Boat Show*.

Is-Sindku tat rendikont ukoll tal-laqgħat li kellha.
Fit-23 ta' Awwissu 2018, is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-binja tal-Kunsill u l-*basement garage*.
Fid-29 ta' Awwissu 2018, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu mistiedna mill-President ta' Malta fejn ġiet diskussa l-attività l-Istrina. Bħala parti mill-attivitajiet organizzati għal din l-okkażjoni fil-Munxar ser isiru attivitajiet fil-Pjazza tal-Knisja fit-2 u fit-3 ta' Novembru 2018 u jsir ġbir għall-Istrina 2018. Fl-4 ta' Novembru 2018 ser issir *show* bil-muturi fil-Pjazza tal-Knisja. L-ispejjeż ser jitħallsu mill-Ministeru għal Għawdex.
Dakinhar stess saret laqgħa wkoll mal-Perit Robert Grech fil-Kunsill u anke saret żjara fit-toroq fejn hemm bżonn li jsiru xi xogħlijiet.
Laqgħat oħra li saru jinkludu l-laqgħa mal-perit dwar it-Torri tax-Xlendi, il-laqgħa mas-Sur Bondin dwar ġemellaġġ u l-laqgħa mal-Avukat Jean Pierre Grech dwar id-dgħajjes li hemm fil-*boat yard* tax-Xlendi.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kellha intervista, flimkien mas-Sur Giovanni Zammit minn Wirt Għawdex, dwar it-Torri tax-Xlendi minn One News.

Is-Sindku infurmat ukoll illi ħareġ il-permess mingħand l-ERA ħalli jiġi ttrimjat il-Bruk.

Is-Sindku ħabbret li ser issir laqgħa rigward il-proposta ta' demmiela fil-Munxar fis-17 ta' Settembru 2018 fiċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar fil-5 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa hija miftuħa kemm għall-membri tal-Kunsill kif ukoll għall-pubbliku. Preżenti ser ikun hemm l-Avukat Dr Ian Stafrace li huwa l-Avukat imqabbad mill-Kunsill sabiex iressaq l-oġġezzjoni tal-Kunsill lill-Awtorità tal-Ippjanar.

Is-Sindku elenkat lista ta' xogħlijiet li kienu saru fil-lokalità u oħrajn li għadhom għaddejjin.
Fix-Xlendi beda l-qtugħ tal-ħaxix ħażin mit-toroq, ġiet solvuta l-problema tal-iskart wara li l-kuntrattur kiser il-kuntratt li kellu mal-Kunsill u sar tentattiv ieħor sabiex jinqabdu dawk il-papri li hemm fil-Bajja tax-Xlendi iżda dan it-tentattiv falla għax il-papri ħarbulhom.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

56.4.1 Is-Sur Damien Spiteri staqsa dwar fiex waslet it-talba li saret sabiex is-siġar tal-Pjazza tal-Knisja jinżabru u jsiru zokk, staqsa wkoll dwar żviluppi għal dik il-laqgħa li saret mal-Inġinier Charles Camilleri dwar il-*main* tal-ilma ta' Triq Munxar u dwar l-ilment li tpoġġew in-naħal fl-għelieqi viċin Triq il-Kappar, Ix-Xlendi.
Is-Sur Damien Spiteri lmenta li fl-għelieqi fi Triq Ras il-Bajjada qed jinħaraq il-*plastic* u d-duħħan qed jasal sad-djar.
Is-Sindku ser tkellem lil tal-ELC sabiex jibgħat l-istima. Ma kienx hemm żviluppi dwar il-laqgħa mal-Inġinier Camilleri u dwar l-ilment tan-naħal.
Il-Kunsill irrapporta l-ħruq tal-*plastic* lis-Sanità u huma ssuġġerew li jsir rapport lill-Pulizija. Sar rapport lill-Pulizija.

56.4.2 Is-Sinjura Juliet Rose Attard ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ħaddiema li jaqtgħu l-ħaxix meta jmorru jaqtgħu l-ħaxix ta' Sqaq Dun Mikiel Anġ Spiteri ma humiex jaqtgħu l-ħaxix ta' ġewwa nett. Hija rrimarkat li l-*Bus Shelter* tal-Pjazza tal-Knisja ma jilqax il-maltemp u dwar il-problema tas-sadid fil-*main* tal-ilma ta' Triq Munxar.
Is-Sinjura Attard talbet li ssir tabella *cul-de-sac* fil-bidu ta' Triq il-Għarab fi Triq Ras il-Bajjada u sabiex jiżdiedu l-i*swings* fil-*playing area* ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.
Il-Kunsill ser jiċċekkja dwar il-qtugħ ta' ħaxix fi Sqaq Dun Mikiel Anġ Spiteri, ser japplika għat-tabella *cul-de-sac* u ser jiġi kkunsidrat li jsiru aktar *swings* fil-*playing area* ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Kienet saret laqgħa mal-Inġinier Camilleri dwar il-*main* tal-ilma ta' Triq Munxar u bħala miżura temporanja ser isir *main* żgħir fuq il-wiċċ tat-triq. Il-bdil tal-*main* huwa ppjanat li jsir fis-sena 2019.

**56.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

56.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-*e-mail* li l-Kunsill irċieva mingħand persuna li toqgħod fi Triq ir-Rumani dwar triq bla isem. Il-Kunsill kien diġà infurmah li l-każ huwa magħluq u dak li qed jitlob ma huwiex kompitu tal-Kunsill. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv talbu parir legali dwar dan il-każ u l-avukata ssuġġeriet li tintbagħat ittra minnha sabiex tinforma lil din il-persuna li l-każ huwa magħluq. Kien hemm qbil dwar dan u s-Sur Damien Spiteri ma qabilx.

56.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta stimi ta' *mobile phone* mingħand il-ħanut Sound & Vision. Ġie deċiż li jinxtara Samsung S9+ għall-prezz ta' €699.

56.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-aħħar laqgħa fejn ġie deċiż li jsir *CCTV*, *Fire Alarm* u *Intruder Alarm* fil-binja tal-Kunsill. Wara din il-laqgħa huwa ġie infurmat mis-*supplier* li fil-*quote* ma kienx hemm inkluż kemm ser jintuża *cable* iżda prezz ta' kull metru.
Huwa talab li jitkejjel fejn ser jgħaddi l-*cable* u toħroġ stima finali.
*CCTV* ser tiswa - €2,419.00;
*Fire Detection System* - €2,278.88;
*Intruder Alarm* - €1,075.69;
*Maintenance Agreement* - €560 fis-sena.
Is-Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekkja mal-kumpanija sabiex jara jekk jieħu l-pakkett kollu jistax isir għall-prezz ta' €5,000. Jekk le, il-Kunsill ma jagħmilx l-*Intruder Alarm*.
Kien hemm qbil dwar dan.

**56.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

56.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 5/2018 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Konsultazzjoni tal-ERA mal-Imsieħba Soċjali fuq Studji dwar l-Impatt fuq l-Istorbju Ambjentali – Istruzzjonijiet għall-Proposti tal-Iżvilupp u l-Permessi Industrijali'.

56.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 6/2018 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Regolament 11 tar-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali (L.S. 441.04)'.

56.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 7/2018 mingħand id-Direttur responsabbli għall-Kunsilli Lokali, Dipartiment għall-Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport) bis-suġġett 'Kjarifika għal Ċirkulari 19/2016 – Sħubija fil-*Local Action Groups* (*LAGs*)'.

56.6.4 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali d-dokument dwar 'L-effett negattiv fuq l-ambjent meta jittajru l-bżieżaq', datat Lulju 2018.

56.6.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva rigward il-'Premju Anzjanità Attiva 2018'. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jagħmel in-nominazzjonijiet tiegħu.

56.6.6 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Numru 10, tas-26 ta' Lulju 2018.

56.6.7 Il-Kunsill irċieva kopja ta' żewġ ittri mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex li huwa bagħat lid-Direttur, Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-oħra lill-Ministru, Ministeru tal-Finanzi rigward 'Proposti Baġit 2019'.

56.6.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward '*No Objection in Principle* mogħtija u approvata mill-Kunsilli Lokali għat-talba ta' kostruzzjoni ta' *Temporary Pavement* quddiem siti ta' kostruzzjoni fejn ikun qiegħed jinżamm xi żvilupp'. Inkluż kien hemm lista ta' kundizzjonijiet f'forma ta' ittra sabiex kull meta l-Kunsill jirċievi talba għall-kostruzzjoni ta' *Temporary Pavement* u li għalih il-Kunsill ma jkunx sab oġġezzjoni partikulari, jingħata n-*No Objection in Principle* bil-kundizzjonijiet imsemmija.

56.6.9 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/099 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Proċeduri għall-applikazzjonijiet ta' permessi ta' *tower cranes*'. Il-Kunsill huwa mitlub jimxi mal-linji gwida msemmija f'din l-*e-mail* sabiex jittaffu l-problemi u fuq kollox nagħtu s-sehem tagħna sabiex is-siti ta' kostruzzjoni jkunu sikuri u possibbilment bla periklu ta' xejn.

56.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Eco-Gozo Regional Development fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-'European Mobility Week', bejn is-16 u t-22 ta' Settembru 2018. Il-Kunsill qed jiġi mistieden sabiex jorganizza xi attività fil-lokalità tiegħu bħala parti minn din l-inizjattiva.

56.6.11 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/104 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward l-attività 'Inizjattiva Għotja ta' Demm' li din l-assoċjazzjoni ser torganizza bħala waħda mill-attivitajiet f'għeluq il-25 Sena ta' Gvern Lokali, fit-28 ta' Ottubru 2018. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jipparteċipa u anke sabiex bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum ir-raħal/lokal il-Kunsill jorganizza ġurnata/ħin li fih residenti u membri tal-Kunsill jagħtu d-demm.

56.6.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva rigward il-'Premju Soċjetà Ġusta 2018'. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iħeġġeġ persuni mill-komunità tiegħu jagħmlu n-nominazzjonijiet tagħhom.

56.6.13 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tas-76 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tat-18 ta' Settembru 2018, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 75/2018 kif ukoll l-Iskeda ta' Pagamenti Magħmula Nru 63 u l-Iskeda ta' Pagamenti Nru 64 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

56.6.14 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' proprjetà fi Triq il-Ġostra, Ix-Xlendi sabiex isir *double yellow line* fuq iż-żewġ naħat tar-rampa tal-*garage* tiegħu minħabba li qed isir l-ipparkjar eżatt mar-rampa u ma jkunx jista' jdaħħal jew joħroġ il-karozza mill-*garage*.
Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

56.6.15 Il-Kunsill irċieva talba mingħand residenta fi Triq it-Tnax ta' Diċembru 1957 fejn qed titlob li ssir ħadida mal-bankina sabiex meta tinżel mill-karozza tkun tista' taqbad magħha biex titla' fuq il-bankina.
Peress li din kienet urġenti, il-Kunsill diġà għamilha.

56.6.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-gazzetta Illum fejn saru diversi mistoqsijiet minħabba li qed jitħejjew il-*Masterplans* għal Marsalforn u Ix-Xlendi.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

56.6.17 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2018/107 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ħlas ta' kontijiet tad-Dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali'. Huwa tkellem dwar is-servizz li jibda jsir ħlas ta' kontijiet mill-Kunsilli Lokali u ħabbar li l-ARMS ser tassisti lil din l-assoċjazzjoni sabiex tgħin lill-Kunsilli Lokali jiġbru lura l-pendenzi li għandhom ma' kumpanija dwar *re-instatement* li saru u qatt ma ġew rifonduti lura. Il-Kunsilli ser jingħataw 50ċ għal kull kont li jiġi mħallas fil-Kunsilli rispettivi, l-ARMS ser joffru t-taħriġ kollu neċessarju kif ukoll is-sistema ser tkun kollha *online*. Din ma hijiex mandatorja iżda l-Assoċjazzjoni qiegħda tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex jipparteċipaw.
Il-Kunsill aċċetta din il-proposta.

56.6.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna residenti u anke proprjetarja ta' ħanut fi Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar. Huwa qed jitlob sabiex ma jitħallewx aktar bawżers tad-drenaġġ tal-bhejjem jgħaddu minn quddiem ir-residenza u l-ħanut tiegħu minħabba li qed jgħaddu f'ħinijiet differenti, iġorru drenaġġ tal-bhejjem minn Ta' Sannat għal ġod-demmiela f'Tal-Kus Ix-Xewkija, u qed iħallu riħa qawwija warajhom li qed tidħol ġol-proprjetà u l-ħanut tiegħu. Huwa qed jitlob sabiex il-bawżers jgħaddu minn xi mkien ieħor. Huwa jħoss li għandu jsir aktar kemm mill-Kunsill u anke mir-residenti tal-Munxar sabiex id-demmiela ma ssirx fil-Munxar.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

56.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Recycling Malta Textile fejn talbu lill-Kunsill jaqra l-proposta l-ġdida tagħhom u *draft agreement* mehmużin. Il-Kunsill ġie infurmat illi huma l-unika kumpanija li lesta tħallas sabiex tagħmel il-ġbir mil-lokalità.
Għalissa l-Kunsill ma jistax jikkommetti ruħu peress li sar *committment* mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq kumpanija oħra.

56.6.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand diversi sidien ta' proprjetà fi Triq il-Munxar, Il-Munxar rigward l-iżvilupp intenzjonat fit-tarf ta' sqaq f'din it-triq li jirrikjedi li jitqaċċtu xi siġar protetti. Huma rreferew għal diversi nuqqasijiet u diversi oġġezzjonijiet li saru fir-rigward ta' dan l-iżvilupp. Huma infurmaw lill-Kunsill li din l-applikazzjoni ġiet ippubblikata mill-ġdid b'*Representation Expiry Date* ġdida. Għaldaqstant, huma qed iħeġġu lill-Kunsill sabiex jistudja dan il-każ u jekk iħoss il-bżonn jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu lill-Awtorità tal-Ippjanar.
Meta l-Kunsill irċieva l-petizzjoni mingħand il-persuni, il-Kunsill ressaq l-istess petizzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.

56.6.21 Il-Kunsill irċieva żewġ ilmenti mingħand sidien ta' għelieqi rigward ħaxix, boroż taż-żibel, ġebel u skart ieħor li hemm fid-daħla ta' sqaq fi Pjazzetta fi Triq San Pawl li minnu tidħol għall-għelieqi tagħhom. Minħabba f'hekk qed ikun diffiċli li tgħaddi bil-karozza. Wieħed mis-sidien irrapporta wkoll li ntefa' skart anke ġewwa mill-ħajt tiegħu u hemm persuna li jirgħa n-nagħaġ li qed jidħol fil-proprjetà (bini) tiegħu u anke waqqa' l-ħajt u għamel xi ħsara oħra fil-bini. Huma qed jitolbu sabiex jitnaddaf dan l-imbarazz u titranġa din is-sitwazzjoni.
Is-Sindku qiegħda tieħu ħsieb sabiex dan il-passaġġ jitnaddaf mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.

56.6.22 Il-Kunsill reġa' rċieva lment mingħand l-istess persuna residenti fi Triq il-Biżantini, Ix-Xlendi minħabba li parti kbira mill-bankina mhix tintuża minn min ikun għaddej bil-mixi għaliex tinsab ostakolata b'affarijiet bħal *pots* kbar, partijiet mejta minn siġar u kantuni. Huwa kien talab sabiex il-Kunsill jieħu l-azzjoni neċessarja rigward dawn ostakoli minħabba li qed jinħoloq periklu. Issa huwa qed jistaqsi jekk il-Kunsill ħax azzjoni minħabba li dawn mhux talli għadhom hemm kif kienu, iżda żdiedu.
Il-Kunsill ser ineħħi l-imbarazz minn fuq il-bankina.

56.6.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta fi Triq San Xmun, Ix-Xlendi minħabba problemi li qed issib sabiex toħroġ lil żewġha li jbati minn kundizzjoni medika u ma joħroġx ħlief għall-isptar. Hija ħabbret li ser jingħataw *electric wheelchair* minħabba t-taraġ iżda l-*area* hija *restrictive* ħafna. Hija qiegħda titlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jara x'jista' jsir minħabba l-*parking* u l-entratura u b'hekk il-ħajja ssir aktar faċli, kemm għalihom kif ukoll għar-residenti kollha ta' dik il-blokka ta' appartamenti.
Il-Kunsill ma jistax jieħu azzjoni fuq dan l-ilment peress li l-aċċess huwa fuq proprjetà privata.

56.6.24 Il-Kunsill irċieva kopja ta' korrispondenza li għaddiet bejn il-Ministru għal Għawdex u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex rigward 'Proposta – *Depots* Temporanji tal-iskart fil-*weekends* madwar Għawdex'. Il-Kunsill ġie mitlub jissottometti l-proposti tiegħu ta' postijiet madwar Għawdex li jservu għal dan il-għan, minbarra l-*Amenity Site* f'Tal-Kus.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

**56.7 Tqassim tar-responsabbiltajiet lill-Kunsillieri**

56.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li wara li evalwat ir-responsabbiltajiet tal-Kunsilliera f'leġislaturi preċedenti, hija qed tipproponi li r-responsabbiltajiet jitqassmu hekk:

Is-Sa Sonja Abela, Sindku –
Attivitajiet, *EU Funds*, Proġetti Kapitali, Xogħlijiet, Finanzi, Ix-Xlendi.

Is-Sinjura Juliet Rose Attard, Viċi Sindku –
Kultura, Indafa, Ix-Xlendi u Viċi tar-responsabbiltajiet tas-Sindku.

Is-Sur Joseph Cauchi –
Kultura, Attivitajiet u *Sports.*

Is-Sur Damien Spiteri –
Attivitajiet Soċjali, Anzjani u *Sports.*

Is-Sur Paul Curmi –
Kultura u Indafa.

**56.8 Twaqqif ta' *Facebook page* tal-Kunsill**

56.8.1 Is-Sindku qed tissuġġerixxi li l-Kunsill ikollu *Facebook page* uffiċjali. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li dan jista' jsir u għal dan il-għan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ Direttiva numru 4/2016. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jagħmel din il-*facebook page* u nimxu mad-direttiva tad-Dipartiment.

**56.9 Ġbir ta' Skart Riċiklabbli – Skema Green MT**

56.9.1 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-avukati tal-Iskema Green MT fejn ġejna infurmati li mill-1 ta' Settembru 2018 is-servizzi offruti mill-iskema Green MT lill-Kunsill ser ikunu hekk:

- Ġbir ta' borża griża bieb bieb ser ikun b'xejn kull l-ewwel nhar ta' Tlieta tax-xahar;
- It-tbattil tal-*Bring-in-Sites*, it-tindif tal-*Bring-in-Sites*, ġbir tal-ħġieġ bieb bieb u provvista ta' boroż griżi lill-Kunsill ser jingħataw bi ħlas skont l-iskeda annessa mal-ittra.

Il-Kunsill diġà kiteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-ERA u qed jistenna żviluppi dwar dan il-każ.

**56.10 Proposta sabiex triq tissemma għall-Ex-Sindku Carmen Said**

56.10.1 Is-Sindku qed tissuġġerixxi li l-Kunsill isemmi triq għall-Ex-Sindku Carmen Said. Saret diskussjoni jekk tkun triq ġdida jew parti minn triq li hija twila. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikkonsulta mal-Professur Joseph Bezzina li huwa ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex. Is-Sindku kienet ser tkellmu.

**56.11 Proposta għall-permess ta' żvilupp PA2406/18**

56.11.1 Is-Sindku kellmet lill-Avukat Dr Ian Stafrace fejn aċċetta li jiġi u jitkellem waqt il-laqgħa pubblika li ser issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Settembru 2018 fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsill ser jagħmel trasport għal dawk il-persuni li jixtiequ jattendu għall-*hearing* li ser issir fit-28 ta' Settembru 2018. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet ser tiltaqa' mas-CEO tal-Awtorità tal-Ippjanar u anke talbet laqgħa mal-Ministru l-Onor. Dr Josè Herrera, Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima. Is-Segretarju Eżekuttiv talab li f'laqgħat uffiċjali għandu jkun preżenti. Kien hemm qbil dwar dan.

**56.12 Fondi tal-EU għal restawr tat-Torri tax-Xlendi (ERDF.PA5.0120)**

56.12.1 Il-Kunsill qed jistenna lill-Perit Hermann Bonnici sabiex jipprepara l-*Bill of Quantities* tar-restawr. Ma' din is-sejħa ser terġa' toħroġ is-sejħa għal *Project Manager*.

**56.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

56.13.1 Ma kienx hemm rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għaliex ma saret l-ebda laqgħa.

**56.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

56.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 56-2018(12_09_18) li tkopri l-perjodu mill-10 ta' Awwissu 2018 sat-12 ta' Settembru 2018 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kienet is-Sinjura Juliet Rose Attard – Viċi Sindku u s-Sekondat kien is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**56.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

56.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 31 ta' Ottubru 2018 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 5 ta' Novembru, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Sonja Abela<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |